MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Numru 867/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**JULIAN GENOVESE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Julian Genovese, ta’ 46 sena, imwieled gewwa tal-Pieta’ nhar is-17 ta’ Frar, 1960, bin Emmanuel u Carmen nee’ Mallia, residenti fil-fond numru 106, Flat 4, Triq Sant’Antnin, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 136860 (M);

Akkuzat talli:

1. Nhar il-11 ta’ Awwissu, 2006 ghall-habta ta’ 8.30pm, gewwa l-Isptar San Luqa, Tal-Pieta’, attakka jew

ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuna ta' PC 786 S Casha, *ai termini* tal-Artikolu 92, u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel ofiza fuq persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku li jkun qieghed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghu fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna tal-istess ufficcjal tal-pulizija msemmi fl-akkuza hawn fuq, u dan *ai termini* tal-Artikoli 92 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-istess ufficcjal pubbliku msemmi sabiex jingurja jew jaghmlu hsara lill-istess ufficcjal pubbliku, u dan *ai termini* tal-Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittmi moghtija lilu mill-pulizija jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod bla jhedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membru tal-Korp tal-Pulizija jaghmel dak li b'Ligi kien ordnat li jaghmel, u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu, u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan *ai termini* tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha, u dan *ai termini* tal-Artikolu 342 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikostanzi hemm bhal Jason Fenech minn tal-Pieta' sabiex jingurjah jew jaghmillu hsara lill-istess ufficcjal pubbliku, u dan *ai termini* tal-Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U kif ukoll talli kkommetta reat waqt li kien qieghed fil-perjodu ta' sentenza sospiza moghtija nhar is-27 ta' April, 2006 mill-Qorti tal-Magistrati, Malta.

Wara li rat id-dokumenti eseibit;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 92, u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L- Artikoli 92 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L- Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L- Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L- Artikolu 342 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat Julian Genovese hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien tmintax(18)-il xahar, sospizi ghal sentejn (2), *ai termini* tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------